**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-ERBGHA, 17 TA' OTTUBRU, 2001**

*Avviz. Nru 844/01 AJD*

V&F Portelli & Sons Limited

vs

Nicholsons The Supermarket Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Awissu, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sitta u erbghin liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm646.95) rappresentanti prezz ta' oggetti mibjugha u konsenjati lis-socjeta' konvenuta.
Bl-ispejjes, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Doreen Clarke, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt

mija u sitta u erbghin liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm646.95) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR